9 ta' Ottubru 2014

109/2014

# ASSEMBLEA DJOĊESANA 2014

**Data: Il-Ġimgħa, 10 ta' Ottubru 2014**

Post: Sala Prinċipali tal-Iskola Santa Monika, Birkirkara

Ħin: 6:15 p.m.

L-Assemblea Djoċesana tal-Knisja f'Malta ser titlaqqa' għada, l-Ġimgħa 10 ta' Ottubru, u s-Sibt 11 ta' Ottubru, biex tiddiskuti l-ministerjalità fil-Knisja u l-ħidma favur il-ħajja umana. It-tema għall-Assemblea ta' din is-sena hi 'Knisja qaddejja tal-bniedem, qaddejja tal-ħajja'.

Il-kelliema tal-ewwel sessjoni tal-Assemblea ser ikunu l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P., ir-Rev. Prof. Hector Scerri u r-Rev Dr Mark Sultana. It-tieni sessjoni ser tiġi ndirizzata mill-Isqof Awżiljarju Charles J. Scicluna, ir-Rev. Prof. Emmanuel Agius u minn Dr Miriam Sciberras.

L-Assemblea tkun ippreseduta mill-Arċisqof flimkien mal-Isqof Awżiljarju. Għaliha jkunu mistiedna kemm il-membri tal-kunsilli l-aktar importanti tal-Knisja li jagħtu parir lill-Arċisqof, kif ukoll il-mexxejja u rappreżentanti mill-oqsma kollha tal-Knisja f'Malta. Fost dawn, id-delegati tal-Arċisqof, il-provinċjali tal-kongregazzjonijiet reliġjużi, il-kappillani, il-kapijiet tal-iskejjel tal-Knisja u l-mexxejja tal-għaqdiet u l-movimenti Kattoliċi.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**